# PROGRAMM

## FESTA 2018

PARROĊĊA MARIJA BAMBINA - IX-XAGHRA



Programm tal-Festi Solenni f'ġieħ

# MARIJA BAMBINA INKURUNATA

li ser jiġu ċċelebrati
fil-Knisja Parrokkjali, Arċipretali
Kolleġġjata Insinji, Bażilika u Santwarju
tax-Xagħra Għawdex - 2018

---

## "IFIRĦU U THENNEW"



# MESSAĠĠ TAL-ARĊIPRIET

## IL-VITTORJA: FESTA MALTIJA U FESTA NISRANIJA

Għandek f'idejk il-programm tal-festi marbut mat-twelid tal-Verġni Marija, li għalina l-Maltin u l-Għawdxin huwa ukoll jum nazzjonali, magħruf aħjar bħala Jum il-Vittorja. Din il-festa għandha tfakkarna fir-rabta li hemm bejn il-fidi tal-poplu Malti u l-istorja ta' pajjiżna, għaliex kienet il-fidi li żammet lil missirijietna magħqudin flimkien sabiex jikkumbattu l-għawġ li ġie fuqhom. Tajjeb li aħna l-kbar mhux biss niftakru imma ukoll infakkru dak li minnu għaddiet l-għażiża art twelidna. Illum il-ġenerazzjoni l-ġdida, faċli titlef il-memorja u tinsa it-tbatija kbira li minnha għaddew dawk ta' qabilna, fl-għożża tal-valuri. Sar ħafna faċli li nikkanċellaw il-memorja u ninsew l-akkwisti l-kbar marbutin ma' ġens li għandu lingwa, li għandu fidi u li għandu storja, jiġifieri ġens li għandu l-identita' tiegħu.

Lilek li qed taqra dan il-messaġġ, nistiednek sabiex waqt li tgħix il-ferħ fil-festa tat-twelid tal-Bambina, timpenja ruħek bis-sħiħ sabiex ma jintesa qatt is-sabiħ u t-tajjeb marbut mal-wirt tal-fidi u poplu b'valuri. Nixtieq inrodd ħajr lil dawk kollha li għenu b'kull mezz, sabiex dan il-programm seta' jsir realta'. Jalla l-ħafna xogħol u ħidma li twettaq il-parroċċa flimkien mal-kumitati rispettivi, tħalli marka fis-suċċess ta' festa popolari u mfittxija imma fl-istess waqt tħalli ukoll timbru li bih ma ninsew qatt l-istorja li sawritna, bil-għan li nibnu ġejjieni fis-sod.

Nagħtikom il-festa t-tajba!

Mons. Carmelo Refalo
Arċipriet



## Il-Ħamis 23 ta' Awwissu 2018 –
### *Velja Marjana "Gaudete Et Exultate"*

8:00pm Velja Marjana bit-talba tar-Rużarju Mqaddes u Barka Sagramentali fuq iz-zuntier tal-knisja. Għal din il-velja huma mistiedna b'mod speċjali s-saċerdoti tal-parroċċa, il-membri tal-Kumitat Ċentrali tal-Festa, il-membri tad-diversi sotto-kumitati u dawk kollha li huma involuti fl-organizzazzjoni tal-festa titulari.

**Ħruġ solenni tal-istatwa Inkurunata ta' Marija Bambina min-niċċa fost kant u talb. Issir l-aħħar ġabra kbira għall-festa tal-Bambina.**

## Is-Sibt 25 ta' Awwissu 2018
### *Prima Messa*

**6:00pm Is-saċerdot novell, Dun Joseph Hili jitlaq b'korteo minn ħdejn l-Iskola Primarja fi Triq it-Tiġrija sal-knisja parrokkjali, akkumpanjat mill-Banda *Victory*, mill-familja, il-familjari, mill-kapitlu, mill-kleru, mis-seminaristi u mill-poplu tax-Xagħra, li mistieden joħroġ minn daru biex jilqa' u jsellem lis-saċerdot il-ġdid.**

**6:30pm L-Ewwel Quddiesa Solenni ta' Dun Joseph Hili. Titkanta l-quddiesa *Missa Brevis Capella Regalis* b'ħames vuċijiet ta' Anthony Caesar bis-sehem ta' Schola Cantorum Jubilate taħt id-direzzjoni ta' Marouska Attard akkumpanjata mill-organista u direttur ta' fama mondjali Wayne Marshall. Isir il-bews tal-idejn. Wara, riċeviment fi Pjazza l-Vitorja.**

## Il-Ħadd 26 ta' Awwissu 2018
### *Jum il-Ħajja*

Quddies 6:00am; 7:00am; 8:30am; 9:45am; 11:00am; 5:00pm; 7:30pm

5:00pm Ċelebrazzjoni ta' Jum il-Ħajja u tberik tat-trabi fil-ġuf. Imexxi il-Kan. Ġwann Bartolo u jippriedka l-Arċ. Carmelo Refalo. Din l-attività qed tiġi mtellgħa flimkien ma' Dar Ġużeppa Debono.

8:30pm Edizzjoni speċjali tal-*Bambina Fest* f'Misraħ il-Vitorja. Din l-inizjattiva qed tiġi mtellgħa mill-Grupp tal-Vokazzjonijiet tal-Parroċċa.

## It-Tnejn 27 ta' Awwissu 2018
### Ftuħ tan-Novena – *Jum il-Banda Victory*

8:30am It-tfal jitolbu t-talba tar-rużarju.

9:00am Quddiesa li tiftaħ in-Novena tat-tfal u tal-adolexxenti. Il-priedki tan-novena jsiru minn Dun Mario Curmi.

6:30pm Rużarju meditat, kant tal-Litanija Lauretana.

7:00pm Quddiesa solenni tal-ewwel jum tan-novena mmexxija minn Patri Paul Galea OFM, jippriedka Mons. Trevor Sultana, Arċipriet tal-knisja Bażilika tal-Viżitazzjoni tal-Għarb. Illum qed jitfakkar l-25 Anniversarju tal-Mro. Joe Galea bħala Surmast tal-Banda Victory. Wara l-quddiesa tingħad

il-kurunella lill-Bambina, titkanta l-Antifona u tingħata l-Barka Sagramentali mill-Arċ. Michael Curmi, Arċipriet tal-Parroċċa ta' Sannat.
Marċ mill-Banda Victory mill-Pjazza għall-Każin tal-istess soċjetà. Wara jkun hemm Tombla kbira fil-Pjazza

**It-Tlieta 28 ta' Awwissu 2018**
***Pellegrinaġġ lejn il-Bażilika tal-Isla***

Fuq stedina tal-Kan. Robin Camilleri, Arċipriet tal-Parroċċa tal-Isla, l-Arċipriet Mons. Carmelo Refalo flimkien mal-Kapitlu, kleru u poplu se jmorru f'pellegrinaġġ fl-okkażjoni tar-raba' ċentinarju mill-wasla tal-istatwa tal-Bambina fil-belt Sengleana.
6.30pm Konċelebrazzjoni Solenni fil-Bażilika tal-Isla.
8.00pm Tombla kbira fil-Pjazza tax-Xagħra

**L-Erbgħa 29 ta' Awwissu 2018**
***Jum l-Għaqdiet Soċjali***

8:30am It-tfal jitolbu t-talba tar-rużarju.
9:00am Quddiesa tan-Novena bis-sehem tat-tfal u l-adolexxenti.
6:30pm Rużarju meditat, kant tal-Litanija Lauretana.
7:00pm Quddiesa Solenni mmexxija minn Mons. Ġorġ Farrugia; jippriedka Mons. Trevor Sultana, Arċipriet tal-Knisja Bażilika tal-Viżitazzjoni, Għarb. Mistiedna b'mod speċjali l-għaqdiet soċjali.
Wara l-quddiesa tingħad il-Kurunella lill-Bambina, titkanta l-Antifona u tingħata l-Barka Sagramentali mill- Kan. Frankie Bajada, Arċipriet tal-Parroċċa ta' Għajnsielem.
Wara jkun hemm Tombla kbira fil-Pjazza

**Il-Ħamis 30 ta' Awwissu 2018**
***Jum il-Vokazzjonijiet***

8:30am It-tfal jitolbu t-talba tar-rużarju.
9:00am Quddiesa tan-Novena bis-sehem tat-tfal u l-adolexxenti.
6:30pm Rużarju meditat, kant tal-Litanija Lauretana.
7:00pm Quddiesa Solenni mmexxija mill-Kan. Michael Borg; jippriedka Mons. Trevor Sultana, Arċipriet tal-Knisja Bażilika tal-Viżitazzjoni, Għarb. Mistiedna b'mod speċjali l-ġenituri tal-abbatini u l-membri tal-grupp tal-vokazzjonijiet.
Wara l-quddiesa tingħad il-Kurunella lill-Bambina u tingħata l-Barka Sagramentali minn Dun Injazju Borg, Arċipriet tal-Parroċċa tal-Qala.
9:00pm Ikla tradizzjonali tal-festa f'Misraħ il-Vitorja mill-grupp tal-*fund raising* tal-parroċċa. Nistiednu b'mod speċjali lill-emigranti u residenti barranin.

**Il-Ġimgħa 31 ta' Awwissu 2018**
***Jum is-Saċerdozju Kattoliku***

8:30am It-tfal jitolbu t-talba tar-rużarju.
9:00am Quddiesa tan-Novena bis-sehem tat-tfal u l-adolexxenti.





6:30pm Ċelebrazzjoni tal-Innu *Akatistos*.

7:00pm **Konċelebrazzjoni Solenni fl-okkażjoni tal-Ġublew tad-Deheb mill-ordinazzjoni saċerdotali ta' Mons. Karm Hili, Mons. Anton Refalo, Kapp. Kan. Ġużepp Sultana u Dun Salv Sultana. Tiġi esegwita l-quddiesa San Antonio tal-Mro Nazzareno Refalo. Ta' min ifakkar li din il-quddiesa nstemgħet għall-ewwel darba 50 sena ilu.**

## Is-Sibt 1 ta' Settembru 2018

### *Jum ix-Xagħrin residenti barra l-parroċċa u "Notte Sancta"*

*Illum fil-knisja Bażilika jkun hemm servizz ta' qrar.*

8:30am It-tfal jitolbu t-talba tar-rużarju.

9:00am Quddiesa tan-Novena għat-tfal u l-adolexxenti.

6:30pm Ċelebrazzjoni tal-Innu *Akatistos*.

7:00pm Quddiesa Solenni mmexxija mill-Kan. Michael Galea; jippriedka Dun Michael Said, Kappillan tal-Parroċċa ta' San Pawl, Munxar. Mistiedna b'mod speċjali x-Xagħrin residenti barra l-parroċċa. Wara l-quddiesa tingħad il-Kurunella lill-Bambina, titkanta l-Antifona u tingħata l-Barka Sagramentali minn Mons. Daniel Xerri, Arċipriet tal-Parroċċa tax-Xewkija. Il-Knisja Bażilika tibqa' miftuħa, b'velja ta' talb bil-possibbiltà li wieħed jirċievi s-sagrament tal-Qrar.

## Il-Ħadd 2 ta' Settembru 2018

### *Jum is-Solennità tal-45 Anniversarju mill-Inkurunazzjoni tal-Istatwa Titulari ta' Marija Bambina. Jum ta' Għaqda Intima tax-Xagħrin mal-Bambina. Jum il-Benefatturi.*

*Illum, frott l-Aggregazzjoni Spiritwali mal-Bażilika Liberjana ta' Santa Maria Maggiore f'Ruma, kull min iżur il-Bażilika ta' Marija Bambina jirċievi l-Indulġenza Plenarja skont il-kundizzjonijiet tas-soltu.*

Quddies: 6.00am; 7.00am; 8.30am; 9.45am; 11.00am u 5.00pm.

8:00am Tiġrijiet tal-bhejjem fi Triq tal-Qaċċa.

8:15am Kant Solenni tal-Uffiċċju tal-Qari, Tifħir ta' Sbiħ il-Jum u Talba ta' Nofs il-Jum mill-W.R. Kapitlu Kolleġġjali.

9:45am Quddiesa bis-sehem tat-tfal u l-adolexxenti.

6:15pm Kant Solenni tat-Tieni Għasar mill-W.R. Kapitlu Kolleġġjali.

7:00pm **Pontifikal Solenni mmexxi mill-E.T. Mons. George Bugeja OFM bis-sehem tal-W.R. Kapitlu Kolleġġjali u l-kleru tal-parroċċa li fih jinseġ l-omelija tal-okkażjoni l-W.R. Dun Charles Sultana Kappillan tal-Parroċċa ta' San Lawrenz. Tiġi esegwita l-Quddiesa San Antonio b'erba' vuċijiet tas-Surmast Nazzareno Refalo, bis-sehem tas-solisti u l-kor Marija Bambina.**

9:30pm Marċ brijuż mill-Banda *Victory* flimkien mal-Banda Viżitazzjoni tal-Għarb bl-istatwa ta' Marija Bambina Inkurunata li jibda mill-Pjazza l-Vitorja u jkompli tul Vjal it-8 ta' Settembru. Fi tmiem il-marċ, l-istatwa tittella' fuq il-pedestall tagħha waqt li jindaqq l-Innu tal-Inkurunazzjoni.

## It-Tnejn 3 ta' Settembru 2018
### *Jum iż-Żgħażagħ*

8:30am It-tfal jitolbu t-talba tar-rużarju.

9:00am Quddiesa tan-Novena bis-sehem tat-tfal u l-adolexxenti.

6:30pm Ċelebrazzjoni tal-Innu *Akatistos*.

7:00pm Quddiesa Solenni mmexxija minn Dun Joseph Bajada, Vigarju Parrokkjali u jippriedka Dun Michael Said, Kappillan tal-Parroċċa ta' San Pawl, Munxar. Mistiedna b'mod speċjali ż-żgħażagħ.
Wara l-quddiesa tingħad il-Kurunella tal-Bambina, titkanta l-Antifona u tingħata l-Barka Sagramentali minn Mons. Joseph Curmi, Arċipriet tal-Knisja Bażilika ta' San Ġorġ Martri.

9:30pm Programm Vokali u Strumentali mis-Soċjetà Filarmonika *Victory* tax-Xagħra fuq il-planċier f'Misraħ il-Vitorja. Il-Banda tkun taħt id-direzzjoni tal-Mro Joseph Galea.

## It-Tlieta 4 ta' Settembru 2018
### *L-Ewwel Jum tat-Tridu Solenni*
### *Jum il-Morda u Jum il-Familja*

8:30am It-tfal jitolbu t-talba tar-rużarju.

9:00am Quddiesa tan-Novena bis-sehem tat-tfal u l-adolexxenti.

10:30am Quddiesa bis-sehem tal-morda u l-anzjani mmexxija mill-Kan. Anton Attard, Kappillan tal-Isptar; jippriedka s-saċerdot novell Dun Joseph Hili. Fiha jiġi amministrat is-Sagrament tad-Dilka tal-Morda.

6:30pm Ċelebrazzjoni tal-Għasar mill-W.R. Kapitlu Kolleġġjali u l-kleru tal-Parroċċa flimkien mal-poplu. Jippresiedi Mons. Anton Refalo.

7.00pm Konċelebrazzjoni Solenni tal-Ewwel Jum tat-Tridu mmexxija mill-Kan. Ġużepp Sultana; jippriedka l-Kan. Dillion Bugeja mill-Parroċċa ta' Santa Katerina, Żejtun. Mistiedna b'mod speċjali l-operaturi u l-animaturi li jaħdmu fil-pastorali tal-familja flimkien ma' dawk li żżewġu matul din is-sena u dawk li qed jiċċelebraw il-25 u l-50 anniversarju taż-żwieġ tagħhom.

8:30pm Ċelebrazzjoni Marjana tat-Tieni Jum tat-Tridu. Kurunella lill-Bambina, kant tal-*Ave Maris Stella*, Antifona u tingħata l-Barka Sagramentali minn Mons. Anton Refalo

9:30pm Marċ mill-Banda Santa Margerita ta' Sannat





li jibda minn ħdejn il-każin tal-Banda u jmur fi Vjal it-8 ta' Settembru u fit-toroq Tiġrija, Arċ. Ġ. Diacono u Misraħ il-Vitorja.

### L-Erbgħa 5 ta' Settembru 2018

***It-Tieni Jum tat-Tridu Solenni - Jum l-Emigranti***

8:30am It-tfal jitolbu t-talba tar-rużarju.

9:00am Quddiesa tan-Novena għat-tfal u l-adolexxenti.

6:30pm Ċelebrazzjoni tal-Għasar mill-W.R. Kapitlu Kolleġġjali u l-kleru tal-Parroċċa flimkien mal-poplu. Jippresiedi Mons. Joseph Sultana, Arċipriet tal-Knisja Katidrali.

7.00pm Konċelebrazzjoni Solenni tat-Tieni Jum tat-Tridu mmexxija mill-Kan. Anton Refalo Rapa, Rettur tal-knisja ta' Ġesù Nazzarenu; jippriedka l-Kan. Dillion Bugeja mill-Parroċċa ta' Santa Katerina, Żejtun. Mistiedna b'mod speċjali l-emigranti li hawn fostna.

8:30pm Ċelebrazzjoni Marjana tat-Tieni Jum tat-Tridu. Kurunella lill-Bambina, kant tal-*Ave Maris Stella*, Antifona u tingħata l-Barka Sagramentali minn Mons. Joseph Sultana, Arċipriet tal-Knisja Katidrali.

9:30pm Il-Banda *Leone* tal-Belt Victoria flimkien mal-Banda *Ite ad Josef* tal-Qala jibdew marċ popolari matul it-toroq Spiera, Knisja, Misraħ il-Vitorja u Vjal 8 ta' Settembru.

### Il-Ħamis 6 ta' Settembru 2018

***It-Tielet Jum tat-Tridu Solenni***

***Jum il-Ministeri fil-Parroċċa***

*Illum fil-knisja Bażilika jkun hemm servizz ta' qrar.*

8:30am It-tfal jitolbu t-talba tar-rużarju.

9:00am Quddiesa tan-Novena għat-tfal u l-adolexxenti.

6:30pm Ċelebrazzjoni tal-Għasar mill-W.R. Kapitlu Kolleġġjali u l-kleru tal-Parroċċa flimkien mal-poplu. Jippresiedi Patri Michael Camilleri O.P., Kappillan tal-knisja Bażilika ta' Portosalvo San Duminku l-Belt Valletta.

7.00pm Konċelebrazzjoni Solenni tat-Tielet Jum tat-Tridu mmexxija mill-Kan. Ġwann Sultana, Rettur tal-knisja ta' Sant'Anton; jippriedka l-Kan. Dillion Bugeja mill-Parroċċa ta' Santa Katerina, Żejtun. Mistiedna b'mod speċjali dawk kollha li jwettqu xi tip ta' ministeru fil-parroċċċa.

8:30pm Ċelebrazzjoni Marjana tat-Tielet Jum tat-Tridu. Kurunella lill-Bambina, kant tal-*Ave Maris Stella*, Antifona u tingħata l-Barka Sagramentali minn Mons. Carmelo Refalo, Arċipriet tal-Bażilika tax-Xagħra.

9:30pm Il-Banda *Victory* tax-Xagħra flimkien mal-Banda *Santa Marija* taż-Żebbuġ jakkumpanjaw l-istatwa ta' Marija Bambina f'dimostrazzjoni mill-knisja ta' Ġesù Nazzarenu sa Misraħ il-Vitorja. Wara jsir it-tlugħ tal-istatwa fuq il-Monument tal-Assedju.

**Il-Ġimgħa 7 ta' Settembru 2018**

***Lejlet il-Festa - Jum Malta Kattolika***

*Jum li jfakkar il-protezzjoni ta' Marija Bambina fuq il-gżejjer Maltin.*

8.30am Konċelebrazzjoni Solenni mmexxija minn Mons. Tarcisio Camilleri, Vigarju Ġenerali tad-Djoċesi t'Għawdex bis-sehem tal-Kapitlu u l-kleru tal-parroċċa. Wara t-tqarbin isir il-kant tat-*Te Deum* b'radd il-ħajr lil Alla fi tmiem in-Novena. Il-kant ta' din il-liturġija jkun animat minn *Schola Cantorum Jubilate*.

10:00am Ċerimonja kommemorattiva f'Misraħ il-Vitorja bis-sehem tal-XHRO bil-kollaborazzjoni tal-Kunsill Lokali tax-Xagħra li tfakkar l-Assedji ta' Malta u l-protezzjoni ta' Marija Bambina fuq il-gżejjer Maltin. Tqegħid ta' kuruni madwar il-Monument tal-Assedju u kant tal-Innu Malti.

5:00pm Quddiesa bl-omelija.

5:30pm Marċ mill-Banda *Victory* mill-każin tal-istess Soċjetà sa Misraħ il-Vitorja.

6:00pm Translazzjoni Pontifikali Solenni mill-Oratorju tal-Passjoni mmexxija mill-E.T. Mons. Mario Grech Isqof ta' Għawdex bis-sehem tal-W.R. Kapitlu Kolleġġjali, kleru, abbatini, fratellanzi tal-parroċċa u l-poplu.

6:30pm Ċelebrazzjoni tal-Ewwel Għasar tas-Solennità tat-Twelid ta' Marija Bambina mmexxi mill-E.T. Mons. Mario Grech Isqof ta' Għawdex. Kant Solenni tas-*Salve Regina.* Barka Sagramentali mill-E.T. Mons. Mario Grech Isqof ta' Għawdex.

8:00pm Quddiesa bl-omelija animata bil-kant tal-kor *Voci Angeliche*, taħt id-direzzjoni tas-Sinjura Grace Vella.

8:45pm L-għaxar edizzjoni tal-wirja spettakolari ta' logħob tan-nar sinkronizzat mal-mużika mill-inħawi tal-għolja tan-Nuffara limiti tax-Xagħra.

9:00pm Marċ mill-Banda *Mnarja* tan-Nadur.

9:30pm Marċ trijonfali ta' lejlet il-festa bis-sehem tal-Banda *Victory* tax-Xagħra u l-Banda *San Ġużepp* ta' Għajnsielem, waqt li l-Banda *Mnarja* tan-Nadur tesegwixxi programm mużikali fuq il-planċier f'Misraħ il-Vitorja. Wara, *3D Architectural Show* mal-faċċata tal-knisja Bażilika.

**Is-Sibt 8 ta' Settembru 2018- Jum Nazzjonali**

***Solennità Liturġika tat-Twelid ta' Marija Bambina***

*Illum, frott l-Aggregazzjoni Spiritwali mal-Bażilika Liberjana ta' Santa Maria Maggiore f'Ruma, kull min iżur il-Bażilika ta' Marija Bambina jirċievi l-Indulġenza Plenarja skont il-kundizzjonijiet tas-soltu.*

Quddies 5:00am, 6:00am, 7:00am, 8:00am, 11:00am u 5:00pm.

9:00am **Pontifikal Solenni ppresedut mill-E.T. Mons. Mario Grech Isqof ta' Għawdex bis-sehem ta' delegazzjoni tal-W.R. Kapitlu Katidrali u tal-W.R. Kapitlu Kolleġġjali ta' Marija Bambina u l-kleru tal-parroċċa. Wara l-qari tal-Evanġelju l-W.R. Dun Richard N. Farrugia, Rettur tas-Seminarju Maġġuri t'Għawdex jagħmel l-omelija tal-okkażjoni. Fi tmiem il-Pontifikal Solenni jsir il-**





**kant tal-Innu Malti f'dan il-Jum Nazzjonali. Tiġi esegwita l-quddiesa A Maria Immacolata tas-Surmast Bugeja bis-sehem tas-solisti u l-kor *Jesus of Nazareth* ta' Tas-Sliema, Malta.**

11:00am Quddiesa bl-omelija.

11:00am Marċ popolari u brijuż mill-Baned *Beland* taż-Żejtun u *Prekursur* tax-Xewkija li jibda mill-bidu ta' Triq Marija Bambina.

5:00pm Quddiesa bl-omelija.

6:00pm Kant Solenni tat-Tieni Għasar bis-sehem tal-W.R. Kapitlu Kolleġġjali, ippresedut mill-E.T. Mons. George Bugeja OFM, Isqof fi Tripli, il-Libja.

6:00pm Tibda sfilata ta' marċi mill-Banda *Victory* tax-Xagħra u mill-Banda *Leone* tal-Belt Victoria li tilħaq il-qofol tagħha f'Misraħ il-Vitorja.

7:00pm **Ħruġ Solenni tal-istatwa artistika inkurunata ta' Marija Bambina mill-knisja Bażilika. Il-Banda Victory issellem lill-Bambina bl-innu 'Patruna tax-Xagħrin', kliem tal-Arċipriet Carmelo Refalo mużika ta' Mro Ray Sciberras. Wara, l-istess banda, taħt id-direzzjoni ta' Mro Joseph Galea LCM, tesegwixxi l-innu 'Ħdejn in-Nieqa ta' Marija' ta' Mro Vincenzo Ciappara u kliem tal-Kan. Kav. Ġiljan Refalo Rapa bis-sehem tas-solisti u l-kor Nativitas tal-istess Soċjetà Filarmonika.**

7:30pm Purċissjoni bl-istatwa ta' Marija Bambina Inkurunata bis-sehem tal-W.R. Kapitlu Kolleġġjali u kleru tal-Parroċċa mmexxija mill-Arċipriet Mons. Carmelo Refalo. Waqt il-purċissjoni, il-Banda *Leone* tal-Belt Victoria tesegwixxi programm mużikali fuq il-planċier f'Misraħ il-Vitorja.

9:30pm Tislima kbira lil Marija Bambina f'Misraħ il-Vitorja. Kant tal-*Ave Maria.* Spettaklu ta' logħob tan-nar tal-ajru.

10:00pm Dħul Solenni tal-istatwa Inkurunata ta' Marija Bambina fil-knisja Bażilika. Titkanta l-Antifona *Nativitas Tua* u tingħata l-Barka Sagramentali.

10:30pm Marċ mill-Banda *Victory* tax-Xagħra li jibda minn Triq Jannar, idur madwar il-knisja, Misraħ il-Vitorja, Vjal 8 ta' Settembru u jintemm fil-każin tal-istess Soċjetà Filarmonika.

## Il-Ħadd 10 ta' Settembru 2018

### *Jum ta' Radd il-Ħajr lil Alla. Festa tal-Isem ta' Marija.*

6.30pm Rużarju u Barka Sagramentali.

7.00pm Konċelebrazzjoni Solenni mmexxija mill-Arċipriet Mons. Carmelo Refalo li għaliha hija mistiedna l-komunità parrokkjali sabiex trodd ħajr lil Alla għall-grazzji li xerred fuqha matul il-jiem tal-festa titulari. Fi tmiem iċ-ċelebrazzjoni, isir id-dħul tal-istatwa ta' Marija Bambina Inkurunata fin-niċċa tagħha.

**ŻGUR LI MINN GĦANDNA L-BAMBINA TRID LI FIL-ĠRANET TAL-FESTA TAGĦHA AĦNA NERSQU LEJN IS-SAGRAMENTI MQADDSA U GĦALHEKK NISTEDNUKOM SABIEX MA TĦALLUX BARRA L-QRAR U L-EWKARISTIJA F'DAWN IL-JIEM GĦEŻIEŻ**

## FIL-JIEM TAL-FESTA...

- Fil-granet tan-Novena janima l-Kor Voci Angeliche taħt id-direzzjoni tas-Sinjura Grace Vella u l-organista Ivan Attard.
- Nhar it-2 ta' Settembru u fil-jiem tat-Tridu Solenni, il-mużika u l-kant ikunu taħt id-direzzjoni tal-Mro Ivan Attard.
- Nhar is-7 ta' Settembru fil-pontifikal janima l-kor Schola Cantorum Jubilate taħt id-direzzjoni tas-Sinjorina Marouska Attard.
- Lejlet u nhar il-festa titulari, tiġi esegwita l-mużika tal-Cappella Bugeja taħt id-direzzjoni tas-Surmast Kan. On. Patri Salv Galea OP.
- Il-mixegħla ġenerali tal-festa hija tad-ditta D.Illumination.
- Iċ-ċelebrazzjonijiet ta' jiem il-festa jiġu mxandra kollha direttament fuq Radju Bambina (98.3 FM)
- L-attivitajiet prinċipali ser ikunu streamed live fuq il-website tal-Parroċċa www.xaghraparish.org.
- In-nar tal-festa hu maħdum minn tal-Virtù FWF Għarb, 12th May FWF ta' Ħaż-Żebbuġ, Marija Lourdes FWF tal-Qrendi, St. Andrews Band FWF Ħal Luqa u La Stella Fireworks Gudja.
- Ħadd m'għandu jersaq bla permess lejn il-post fejn jinħaraq in-nar.
- Dan il-programm hu suġġett għal tibdil li jkun avżat fil-Bażilika u fuq Radju Bambina.

## OPRI ĠODDA

- Jitlesta x-xogħol ta' konservazzjoni fuq il-bankun tal-Bambina
- Jitlesta x-xogħol fuq in-niċċa tal-Bambina
- Sett ta' 12-il pjaneta għall-festi liturġiċi mid-ditta Euroclero f'Ruma
- Manutenzjoni tal-lampier tal-festa u dak ta' matul is-sena
- Jitkompla l-ġnien u l-parkeġġ taċ-ċimiterju parrokkjali
- Manutenzjoni esterna tad-Domus Curialis u Uffiċċju Parrokkjali
- Ktieb ġdid bil-liturġija u t-talb tal-festa
- CD Mużikali iddedikat lil Marija Bambina li se jittella' fl-2019
- 3 pedistalli ġodda għall-istatwi tal-pjazza
- Induratura tad-deheb fuq l-istatwa Rakela tal-pjazza
- Restawr u induratura ġdida fuq il-brazzi tal-planċier ta Pjazza il-Vitorja
- Restawr, rħamar u induratura fuq trofej tal-pjazza.
- Alabarda ġdida għat-trofej tal-pjazza
- Bandalora ġdida għat-trofej tal-pjazza
- 2 anġli ġodda għal Triq il-Knisja
- 2 pedistalli ġodda għal Triq il-Knisja
- Induratura tad-deheb fuq 2 anġli għal Triq il-Knisja
- Rħamar u nduratura fuq il-pedistall tal-istatwa tal-padruni.
- Qtugħ fl-injam ta 5 pavaljuni tal-injam ta' Triq it-28 ta April 1688
- Pittura fuq 3 pavaljuni tal-injam ta' Triq it-28 ta April 1688

*Ir-ritratt li jidhru f'dan il-programm huma ta' Noel Rapa.*

Uffiċċju Parrokkjali Pjazza l-Vitorja Xagħra Għawdex
T. 2155 1042 | E. xaghraparishoffice@gmail.com | W. www.xaghraparish.org